MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 561/2003

**Quality Postform Limited**

**vs**

**Future Furniture Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghas-somma ta’ elf hames mija u hamsin Liri Maltin u sittin centezmu (LM1,550.60,0), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta’ *cheques* minnha konsenjati lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta’ konvenuta milll-istess socjeta’ attrici, liema *cheques* ma gewx ordnati mill-bank li fuqu inhargu l-istess *cheques;***

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbidipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u l-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------